DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

StudentBounty.com

**IT-TIELET SENA STUDJI SOĊJALI (Ġenerali) ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem: ______________________________ Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet (A, B, Ċ, D u E). L-istudenti huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet kollha u jaqraw sew l-istruzzjonijiet għal kull taqsima. L-istudenti għandhom jiktbu t-tweġibiet tat-Taqsimiet Ċ, D u E fuq karta separata.**

**Taqsima A**

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| soċjalizzat | il-karattru | id-dmirijiet | attitudni pożittiva | għaqdiet |
| individwi | id-demokrazija | l-Ewwel Dinja | solidarjetà | id-drittijiet |

1. Aħna lkoll ngħixu flimkien, iżda bħala ______________________ lkoll għandna l-ideat, il-ħsibijiet u l-opinjoni personali.
2. Is-soċjetà tistenna li kull ċittadin jaqdi ______________________, waqt li jgawdi ______________________ tiegħu.
3. Il-personalità u ______________________ inrawwimhom matul ħajti bl-għajnuna tal-ġenituri, il-ħbieb u l-għalliema.
4. Wieħed li jinteressa ruħu mill-affarijiet ta' madwaru hu ______________________.
5. ______________________ hija sistema politika msejsa fuq l-għażla li jagħmlu ċ-ċittadini.
6. ______________________ tikkonsisti fl-aktar pajjiżi industrijalizzati, u għalhekk l-aktar żviluppati.
7. ______________________ tfisser li tħossok responsabbli għalik innifsek u għal dawk ta' madwarek.
8. Ħafna ______________________ fis-soċjetà jiġbru fihom membri li huma tal-istess fehma.
9. Il-Maltin jgħinu ħafna lil min hu fil-bżonn għax għandhom sens ta' ______________________.

**(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B**

**(i) Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA billi tagħmel sing taħt Veru jew Falz:**

1. Il-produzzjoni hija metodu ta' kif isir il-prodott. Veru/Falz
2. Is-settur primarju għandu x'jaqsam mal-manifattura. Veru/Falz
3. Il-ġustizzja soċjali tfisser li kulħadd jiġi stmat indaqs. Veru/Falz
4. Stil ta' ħajja huwa l-mod ta' kif wieħed jgħix. Veru/Falz
5. Nieħdu ħsieb saħħitna billi nieklu li rridu. Veru/Falz
6. Normi ta' mġiba huma regoli bbażati fuq il-valuri. Veru/Falz
7. Iċ-ċittadin huwa membru ta' pajjiż bi drittijiet u dmirijiet. Veru/Falz
8. Refuġjat huwa persuna li jħalli pajjiżu biex jieħu vaganza. Veru/Falz
9. Valuri ċiviċi huma dawk il-valuri li huma marbutin mas-soċjetà. Veru/Falz
10. Il-ġid nazzjonali huwa dak il-qliegħ miż-żewġ setturi tal-ekonomija. Veru/Falz

**(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

**(ii) Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA billi tagħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba:**

**1. Xogħol volontarju huwa**

a) xogħol bi ħlas

b) ħidma ta' ġid fis-soċjetà mingħajr ħlas

ċ) xogħol diffiċli.

**2. Dritt huwa**

a) dak li għandek tieħu mis-soċjetà

b) dak li għandek tagħmel

ċ) dak li jgħinek fil-ħajja tiegħek.

**3. Teknoloġija tal-Informazzjoni tfisser**

a) logħob tal-kompjuters

b) tibgħat e-mails lil sħabek

ċ) teknoloġija moderna li taħżen u tipproċessa informazzjoni minn post għal ieħor.

**4. Min jabbuża mid-droga jkun qed**

a) jagħmel ħsara lilu nnifsu

b) isir b'saħħtu

ċ) jgħin lilu nnifsu biex isir *cool*.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**5. Il-mezzi ta' komunikazzjoni**

a) huma ħela ta' ħin għall-individwu

b) joffru divertiment, jinformaw u jgħallmu

ċ) iqumu ħafna flus.

**6. L-ekonomija tfisser**

a) ma taħlix il-flus tal-pajjiż

b) ma tonfoqx iżżejjed

ċ) attività li toħloq il-ġid għall-pajjiż.

**7. Il-WHO hija organizzazzjoni**

a) li tieħu ħsieb is-saħħa fil-pajjiżi kollha tad-dinja

b) li tfixkel is-saħħa tal-bniedem

ċ) li tgħin lil ċerti pajjiżi u lil oħrajn le.

**8. Interdipendenti tfisser li**

a) ħadd m'għandu bżonn lil ħadd

b) ngħaddu mingħajr l-għajnuna ta' xulxin

ċ) kulħadd bżonn xulxin.

**9. Liema minn dawn hija kooperattiva?**

a) numru ta' bdiewa u sajjieda

b) xirka fejn dawk li jaħdmu huma wkoll sidien

ċ) grupp ta' impjegati li jikkooperaw flimkien fix-xogħol.

**10. L-identità Maltija turi li aħna**

a) Amerikani

b) Maltin

ċ) Franċiżi. **(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

**Taqsima Ċ**

**Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha.**

*Bħala konsumaturi ħafna drabi naħsbu li għandna biss drittijiet u li l-bejjiegħ, minn fejn qed nixtru, irid joqgħod attent li ma jiksirx xi wieħed minn dawn id-drittijiet. Però fil-verità aħna l-konsumaturi għandna wkoll ċerti responsabbiltajiet li jekk noqogħdu attenti għalihom nevitaw ħafna problemi.*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*Ir-responsabbiltajiet tagħna bħala konsumaturi jibdew hekk kif niddeċiedu li se nixtr... servizz. Qabel ma nagħżlu x'nixtru, l-ewwel importanti li nduru xi ftit ħwienet ħalli nqabblu... il-kwalità ta' ditta ma' oħra, kif ukoll il-funzjonijiet li prodott għandu differenti minn ieħor. B... konsumaturi għandna ukoll responsabbiltajiet lejn l-ambjent fejn qed ngħixu u għalhekk għandna nagħżlu prodotti li jistgħu jiġu rriċiklati.*

1. Min hu l-konsumatur? (2)
2. Semmi **ŻEWĠ** responsabbiltajiet li għandu l-konsumatur. (2)
3. F'każ li nixtru oġġett li jaħdem bl-elettriku jew xi ġugarell, x'marka għandna noqogħdu attenti għaliha? (2)
4. Il-kuntratt ta' xiri jissarraf f'irċevuta. Għaliex hija importanti din l-irċevuta? Fisser billi tagħti **TLIET** eżempji. (3)
5. X'għandna nagħmlu qabel ma nagħżlu x'nixtru? Fisser billi tagħti **TLIET** eżempji. (1,1,1)
6. Għaliex għandna nixtru prodotti li jistgħu jiġu rriċiklati? (2)
7. X'għandek tagħmel f'każ li oġġett jew prodott ikun difettuż? Agħti r-raġunijiet f'ħames (5) linji. (5)
8. X'inhi 'il-garanzija'? (2)
9. F'erba' (4) linji iddeskrivi kif il-konsumatur għandu jibża' għall-ambjent li qed jgħix fih. (4)

**(25 marka)**

**Taqsima D**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

1. Spjega xi tfisser is-saħħa pubblika u agħti TLIET eżempji. (2,1,1,1)
2. Semmi ĦAMES mezzi ta' komunikazzjoni. (1,1,1,1,1)
3. Xi tfisser 'esportazzjoni'? Agħti TLIET eżempji. (2,1,1,1)
4. X'inhi *trade union*? Agħti TLIET eżempji. (2,1,1,1)
5. Semmi ĦAMES drittijiet li għandu l-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol. (1,1,1,1,1)

**(25 marka)**

**Taqsima E**

**Agħżel WIEĦED minn dawn it-titli li ġejjin u ikteb madwar 200 kelma dwaru**.

1. L-ekonomija tinqasam f'**erba'** setturi. Semmi **ŻEWĠ** setturi minnhom u ddiskutihom.
2. Għaliex żdied il-periklu fuq il-post tax-xogħol? Min huma dawk responsabbli biex jippruvaw ineħħu jew inaqqsu l-periklu? Semmi xi oġġetti li jintużaw biex il-ħaddiem jipproteġi lilu nnifsu mill-perikli li jista' jkun hemm fuq il-post tax-xogħol.
3. Semmi xi tradizzjonijiet li jsawwru l-kultura tagħna l-Maltin. Iddiskutihom fit-tul.

**(20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers